

EBA/GL/2017/02

11/07/2017

Linji Gwida Finali

li jikkonċernaw l-interrelazzjoni bejn is-sekwenza tat-tnaqqis
ġenerali u tal-konverżjoni tal-BRRD u s-CRR/CRD

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 11/09/2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2017/02'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

Titolu I - Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Suġġett

1. Skont l-Artikolu 48(6) tad-Direttiva 2014/59/UE, dawn il-linji gwida jindirizzaw l-interrelazzjoni bejn ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE mad-Direttiva 2014/59/UE għall-għanijiet tas-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni. Il-linji gwida jiċċaraw din l-interrelazzjoni għall-għanijiet tal-Artikolu 48 tad-Direttiva 2014/59/UE, li jirregola s-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni meta tiġi applikata l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna. Dawn huma wkoll rilevanti għall-Artikolu 60 tad-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tas-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni tal-istrumenti kapitali fil-punt ta' nonvijabbiltà (PONV, point of non-viability). "Strumenti kapitali" għall-għanijiet ta' dawn il-linji gwida tfisser strumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti CET1, AT1 jew T2 għall-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
2. L-Artikolu 48 tad-Direttiva 2014/59/UE jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeżerċitaw il-poteri tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni, soġġett għal kwalunkwe esklużjoni skont l-Artikolu 44(2) u (3) tad-Direttiva 2014/59/UE, fl-ordni li ġejja: Oġġetti CET1; imbagħad strumenti AT1; imbagħad strumenti T2; imbagħad dejn subordinat ieħor li mhuwiex strumenti AT1 jew T2 skont il-ġerarkija tal-pretensjonijiet fil-liġi tal-insolvenza normali; imbagħad il-bqija tal-obbligazzjonijiet eliġibbli skont il-ġerarkija tal-pretensjonijiet fil-liġi tal-insolvenza normali.
3. L-Artikolu 48(2) tad-Direttiva 2014/59/UE jiddikjara li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jallokaw it-telf b'mod ugwali bejn l-ishma jew strumenti oħra ta' sjieda u bejn l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istess grad ħlief fejn jirriżultaw esklużjonijiet diskrezzjonali minn rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44(3) tad-Direttiva 2014/59/UE f'allokazzjoni differenti tat-telf fost obbligazzjonijiet tal-istess grad. F'dan il-każ, il-livell tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni applikat għal obbligazzjonijiet eliġibbli oħra jista' jiżdied skont l-Artikolu 44(3), sakemm il-livell tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni jikkonforma mas-salvagwardja li l-ebda kreditur ma jmur aġġar (NCWO, no creditor worse off) imsemmija fl-Artikolu 34(1), (g) ta' dik id-direttiva.
4. Skont l-Artikolu 48(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, qabel ma jiġi applikat il-poter tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni lil obbligazzjonijiet eliġibbli oħra jew obbligazzjonijiet b'grad pari passu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonvertu jew inaqqsu l-ammont prinċipali ta' strumenti AT1 u T2 u ta' obbligazzjonijiet subordinati oħra meta daww l-obbligazzjonijiet ma jkunux diġà ġew ikkonvertiti u t-termini tagħhom jipprovdu għal: (a) l-ammont prinċipali tal-istrument li jrid jitnaqqas malli jseħħ kwalunkwe avveniment li jirreferi għas-sitwazzjoni finanzjarja, għas-solvenza jew għal-livelli tal-fondi proprji tal-istituzzjoni; jew (b) il-konverżjoni tal-istrumenti għal ishma jew għal strumenti oħrajn ta' sjieda malli jseħħ kwalunkwe avveniment bħal dan.

5. L-Artikolu 48(4) tad-Direttiva 2014/59/UE jipprovdi li meta l-istituzzjonijiet ta' riżoluzzjoni jnaqqsu, iżda mhux għal zero, l-ammont prinċipali ta' strument skont il-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu, huma għandhom jirrispettaw il-ġerarkija tal-kredituri u japplikaw il-poteri tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni lill-ammont residwu ta' dak il-prinċipali skont ir-reġim tal-paragrafu 1. Barra minn hekk, l-Artikolu 48(5) jipprovdi li meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu qed jiddeċiedu dwar jekk l-obbligazzjonijiet għandhomx jitnaqqsu jew għandhomx jiġu kkonvertiti f'ekwiżità, huma m'għandhomx jikkonvertu klassi waħda ta' obbligazzjonijiet, waqt li klassi ta' obbligazzjonijiet li hi subordinata għal dik il-klassi tibqa' sostanzjalment mhux ikkonvertita f'ekwiżità jew mhux imnaqqsa, sakemm ma jkunx permess mod ieħor skont l-Artikolu 44(2) u (3) tad-Direttiva 2014/59/UE.
6. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 48, b'mod partikolari fl-ewwel paragrafu tiegħu, joħolqu numru ta' interrelazzjonijiet mar-reġim stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2014/59/UE li jeħtieġ li jiġu ċċarati. B'mod partikolari, din l-interrelazzjoni tikkonċerna l-istrumenti kapitali (b'mod partikolari klassijiet AT1 u T2) għall-għanijiet tas-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni. Il-punti (69), (73) u (74) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE jiddefinixxu dawn l-istrumenti bħala dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 52 u 63 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iżda ma jispeċifikawx it-trattament applikabbli għal strumenti tal-istess klassi jew ħruġ, iżda skont reġim differenti għall-għanijiet tal-kalkolu tal-fondi proprji tal-istituzzjoni.

2. Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni meta jkunu qed japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna jew il-poter li jnaqqsu jew jikkonvertu strumenti kapitali fil-punt ta' nonvijabbiltà lil istituzzjoni jew lil entità msemmija fl-Artikolu 1(1), (b), (c) jew (d) tad-Direttiva 2014/59/UE.

Titolu II - Linji gwida li jikkonċernaw it-trattament applikabbli għal strumenti pprovduti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE għall-għanijiet tas-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni

8. Dawn il-linji gwida stabbiliti hawn taħt jirrigwardaw biss l-interrelazzjoni bejn ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE mad-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tas-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni f'każ ta' applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna jew tal-poter tal-konverżjoni tal-PONV. Huma ma jindirizzaw l-ebda interrelazzjoni oħra tad-Direttiva 2014/59/UE mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE.

9. Huma jservu biex jiċċaraw kif l-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni għandhom iqisu l-karatteristiċi kuntrattwali tal-istrumenti maħruġa mill-entità soġġetta għall-użu tal-poter tar-rikapitalizzazzjoni interna jew tal-PONV li jikkwalifikaw bħala strumenti T1 jew T2 addizzjonali skont il-qafas stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE meta tiġi ddeterminata l-ordni tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni. F'ċerti każijiet il-qafas imsemmi l-aħħar jirrikonoxxi l-istrumenti bħala strumenti kapitali, iżda minħabba karatteristiċi kuntrattwali partikolari huma parzjalment jew totalment esklużi mill-kalkolu tal-"fondi proprji". L-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni għandhom jiżguraw li t-trattament tal-istrumenti fl-istess kategorija tas-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni deskritta fl-Artikolu 48(1) jew fl-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2014/59/UE jikkonforma mal-ġerarkija tal-kredituri fi proċeduri normali ta' insolvenza.
10. **Regola ta' gwida 1:** L-awtorità ta' rizzoluzzjoni, meta tapplika l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna jew il-poter tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni fil-PONV, għandha tittratta l-istrumenti kapitali li jappartjenu għall-istess kategorija tas-sekwenza stabbilita bl-Artikolu 48 jew bl-Artikolu 60 tal-BRRD u li jikklassifikaw b'mod ugwali fl-insolvenza bl-istess mod, irrispettivament mill-karatteristiċi l-oħrajn tagħhom jew mit-termini kuntrattwali mhux skattati li jirregolaw il-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni tagħhom. B'mod partikolari għandha ssirilhom valwazzjoni negattiva bl-istess mod jew ikunu soġġetti għall-istess termini ta' konverżjoni. Jekk episodju skattatur kuntrattwali li jirriżulta fil-valwazzjoni negattiva jew fil-konverżjoni ta' strument iseħħ qabel jew fl-istess ħin tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe mill-poteri, il-valutazzjoni tal-ġerarkija tal-kredituri għandha tirrifletti l-effetti ta' dik il-valwazzjoni negattiva jew ta' dik il-konverżjoni.
11. **Regola ta' gwida 2:** L-awtorità ta' rizzoluzzjoni, meta tkun qed tiddetermina l-ordni u l-ammont tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni, għandha tapplika l-istess trattament lill-istrumenti eliġibbli kollha bħala fondi proprji, skont il-Parti 2 jew il-Parti 10, Titolu 1, Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, indipendentement minn jekk humiex parzjalment jew totalment esklużi milli jgħoddu għall-fondi proprji ta' istituzzjoni. B'mod partikolari għandha ssirilhom valwazzjoni negattiva bl-istess mod jew ikunu soġġetti għall-istess termini ta' konverżjoni.
12. Hawn taħt hawn stabbilita gwida dwar kif l-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni għandhom japplikaw dawn ir-regoli ta' gwida f'każijiet partikolari.
- L-applikazzjoni tar-regola ta' gwida 1: strumenti AT1 maħruġin li jissodisfaw bis-sħiħ il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u strumenti ta' anterjorità skont il-Parti 10, Titolu 1, Kapitolu 2 ta' dak ir-regolament bl-istess klassifikazzjoni fil-ġerarkija tal-kredituri huma soġġetti għall-istess trattament għall-għanijiet tas-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni. B'mod partikolari għandha ssirilhom valwazzjoni negattiva bl-istess mod jew ikunu soġġetti għall-istess termini ta' konverżjoni.*
13. Sabiex ikunu inklużi bħala fondi proprji, strumenti AT1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-Artikolu 52 jipprovdi li strumenti AT1 għandu jkollhom dispożizzjonijiet kuntrattwali li skonthom, malli jseħħ episodju skattatur, l-

ammont prinċipali tal-istrument jitnaqqas fuq bażi permanenti jew temporanja jew l-istrumenti jiġu kkonvertiti għal CET1. Għall-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 54(1), (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jeħtieġ ukoll li strumenti AT1 jiġu kkonvertiti meta l-proporzjon ta' CET1 jinżel għal 5.125%, jew oġġa jekk ikun speċifikat fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument. Id-dispożizzjonijiet tal-istrument jistgħu jinkludu aktar minn skattatur wieħed, u jridu jispeċifikaw jew ir-rata tal-konverżjoni u l-limitu fuq l-ammont ta' konverżjoni permess, jew firxa li fiha l-istrumenti ser jikkonvertu għal CET1 (l-Artikolu 54(1), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013).

14. Id-Direttiva 2006/48/KE ma tippovdix għall-istess kundizzjoni għall-għanijiet tal-eliġibbiltà tal-istrumenti bħala fondi proprji.
15. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti 10, Titolu 1, Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (l-anterjorità ta' strumenti kapitali), oġġetti eliġibbli bħala fondi proprji skont il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni għad-Direttiva 2006/48/KE huma eliġibbli li jiġu kkalkolati fil-fondi proprji għall-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 minkejja li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikoli 52 u ta' warajh tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għalhekk, l-istrumenti ta' anterjorità li ma jipprovdux għall-iskattar kuntrattwali tal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma inklużi fil-fondi proprji skont il-limiti stabbiliti fir-regolament.
16. Skont ir-regola ta' gwida 1, u biex jiġi żgurat ir-rispett għall-ġerarkija tal-kredituri, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tittratta l-istrumenti AT1 kollha li jikklassifikaw b'mod ugwali fil-insolvenza bl-istess mod għall-għanijiet tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-Direttiva 2014/59/UE) mingħajr ma jitqiesu differenzi oħra bejn il-kapaċità tal-assorbiment tat-telf ta' daww l-istrumenti AT1 li jirriżultaw mill-klawżoli kuntrattwali tagħhom. Għalhekk, f'każ ta' applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna jew il-poter tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni fil-PONV, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tittratta b'mod ugwali l-istrumenti AT1 maħruġa skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-istrumenti AT1 ta' anterjorità.
17. Skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istrumenti ta' anterjorità huma inklużi fil-fondi proprji skont il-limiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (il-Parti 10, Kapitolu 2), li skonthom dawn l-oġġetti huma progressivament esklużi mill-fondi proprji ⁽²⁾. L-applikazzjoni kemm tar-regola ta' gwida 1 u tar-regola ta' gwida 2, fis-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni, oġġetti AT1 li jikkonformaw mar-regoli tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-istrumenti ta' anterjorità, inkluż kwalunkwe ammont li hu progressivament eskluż mill-fondi proprji minħabba l-limiti stabbiliti fil-Parti 10, Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (b'mod partikolari l-Artikolu 486), għandhom jiġu soġġetti għall-istess trattament.

L-applikazzjoni tar-regola ta' gwida 2: L-istrumenti T2 skont ir-reġim tal-amortizzament għandhom ikunu soġġetti għall-istess trattament bħall-istrumenti T2 inklużi bis-sħiħ fil-fondi proprji.

⁽²⁾ Għall-għanijiet ta' dawn il-linji gwida, l-ammonti kollha tal-oġġetti kkalkolati bħala fondi proprji skont il-limiti previsti fil-Parti 10, Kapitolu 2 tas-CRR huma soġġetti għall-istess trattament.

18. Skont ir-reġim tal-amortizzament stabbilit fl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-valur ta' strument T2 li jista' jkun inkluż fil-fondi proprji hu l-valur nominali tiegħu amortizzat fuq bażi ta' linja dritta fl-aħħar 5 snin qabel il-maturità. L-ammont soġġett għall-amortizzament mhuwiex inkluż fil-fondi proprji, anki jekk l-istrument T2 ikun eliġibbli skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-awtorità ta' riżoluzzjoni, meta tiddetermina l-ordni u l-ammont tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni, għandha tittratta bl-istess mod l-istrumenti T2 inklużi fl-istess klassi u m'għandhiex tapplika trattament diskriminatorju għall-ħruġ tal-istess strumenti T2.
19. L-ammont amortizzat tal-istrumenti T2 għandu jkun ukoll soġġett għall-istess trattament bħall-ammont tal-istrumenti T2 inkluż fil-fondi proprji meta r-reġim ta' amortizzament jiġi applikat għal strument ta' anterjorità. F'dan il-każ, l-applikazzjoni tar-regoli ta' gwida 1 u 2 u f'konformità mal-ġerarkija tal-kredituri, l-ammont nominali sħiħ ta' strument T2 ta' anterjorità soġġett għar-reġim ta' amortizzament għandu jkun soġġett għall-istess trattament bħal strumenti T2 ikklassifikati indaq biex jiġu ddeterminati s-sekwenza u l-ammont tal-valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni.
20. Barra minn hekk, l-istrumenti AT1 għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod irrispettivament minn jekk kinix affettwati mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 486 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

21. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu implimentati fi Prattiki nazżjonali ta' riżoluzzjoni mill-awtoritajiet rilevanti ta' riżoluzzjoni 6 xhur wara l-pubblikazzjoni.